**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 20 ta' Marzu, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 665/2022 AF**

**Islam Genarul**
**Pass. Bangladexx Nru. EF0509314**
**[Refcom No. 30045/2020]**

**vs**

**L-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali**

**L-Avukat tal-Istat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Islam Genarul, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-attur huwa ta’ nazzjonalità Bangladexx imwieled nhar it-12.10.1982, ġewwa Deodanga, Bangladexx, tar-reliġjon Iżlamika, jitkellem bil-Hindi u l-Bengali.

L-attur telaq minn pajjiżu fis-sena 02.05.2014 u qabel il-wasla tiegħu f’Malta fl-24.01.2020 mill-Italja permezz tal-ajru, huwa għadda mill-Indja (Erba’ (4) snin), Turkija (Ħdax il-siegħa). Fl-Italja, fejn daħal regolarment, l-attur dam jgħix għal perjodu ta’ sentejn.

Mal-wasla tiegħu f’Malta l-attur applika għall-ażil fejn kien qiegħed jallega persekuzzjoni minn familja b’saħħitha ġewwa d-distrett fejn jgħix hu.

Ir-rikorrent qiegħed isostni li jekk jerġa jmur lura lejn pajjiżu ser jispiċċa maqtul għall-fatt li din il-familja, jew esponenti tagħha, iriduh mejjet.

Dan kollu jirriżulta mill-intervista li għamel mal-*case worker* numru **19054** tal-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali, aktar il-quddiem imsejjħa l-‘***Aġenzija***’, kopja ta’ liema intervista qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **DOK ‘A’** u ir-Rapport tal-Aġenzija hekk imsejjaħ ‘*Assessment Regarding Eligibility for International Protection*’, kopja ta’ liema rapport huwa hawn anness u mmarkata bħala **DOK ‘B’**.

Minħabba f’hekk l-attur jimmeritalu protezzjoni senjatament *ai termini* tal-**Art. 8 tal-Att dwar ir-Rifuġjati (Kap 420 tal-Liġijiet ta’ Malta)** u l-**Art. 32 (2) tal-Konvenzjoni dwar ir-Rifuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1951**.

Ir-rikorrent talab għall-protezzjoni, liema talba ġiet miċħuda għab-bażi li l-applikazzjoni ġiet ddeterminata li kienet **manifestament infondata** (emfasi tal-esponent).

L-applikazzjoni marret għal reviżjoni stante li deċiżjonijiet fejn applikazzjoni tinstab li kienet manifestament infondata l-applikazzjoni tiġi riferuta liċ-Chairman tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, aktar il-quddiem imsejjaħ l-'***Bord***', *ai sensi* tal-**Art. 23(3), Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Din ir-riferenza ma jikkonsistix f'appell u r-rikorrent applikant m'għandu ebda forma ta' kontroll tal-proċedura miżmuma quddiem iċ-Chairman, tant li hu lanqas ma jiġi infurmat b'seduta jew mistieden jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu.

Ir-rikorrent irċieva d-deċiżjoni taċ-Chairman datata is-**06.07.2022**, li b'ebda sorpriża għar-rikorrent, ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Aġenzija, kopja ta' liema deċiżjoni qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **DOK 'C'**.

Applikant għalhekk, minn deċiżjonijiet oħra li tieħu l-Aġenzija jista' jappella quddiem il-Bord tal-Appell entro il-perjodu lilu mogħti, iżda mhux dawk l-applikazzjonijiet li jiġu ddeterminati li huma manifestament infondati, liema applikazzjonijiet jiġu sempliċiment awtomatikament riferuti liċ-Chairman bl-operat tal-liġi.

Mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, ir-rikorrent jirrileva u jilmenta li għal kull deċiżjoni għandu jkollu l-opportunità li jikkontesta dik id-deċiżjoni sija fuq il-mertu jew fuq punt ta' liġi u l-fatt li l-liġi ma tippermitthilux li jagħmel dawn hu b'leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli a tenur **Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, l-**Art. 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta** u tal-**Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali**.

Mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, ir-rikorrent jirrileva u jilmenta li l-fatt li dispożizzjoni tal-liġi toħloq sitwazzjoni fejn applikazzjoni miċħuda tmur għar-reviżjoni quddiem iċ-Chairman tal-Bord mingħajr mal-applikant, li għandu interess dirett u manifest li l-applikazzjoni tiegħu tiġi aċċettata, ma jkollu l-opportunità jagħmel dawk is-sottomissjonijiet li jafu

jkunu singolari, determinanti u rilevanti u dan kollu kif assistit minn konsulent legali, sabiex jiġi assigurat li l-proċess legali huwa san u sikur, hija anti-kostituzzjonali u ukoll b'leżjoni tad-drittijiet tiegħu kif suriferit.

Applikanti li jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom miċħuda fuq kwalsiasi bażi li jiġu miċħuda għandhom ikollhom id-dritt li tali deċiżjoni tiġi riveduta minn Qorti jew Tribunal indipendenti u imparzjali b'dawk il-garanziji li tipprovdi il-Kostituzzjoni ta' Malta, u fejn huma ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċess ta' reviżjoni daqs kwalsiasi appell ieħor.

Huwa ċar u manifest li r-riferenza li hija kkontemplata taħt l-**Art. 23(3), Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta** isservi biss biex tiġi applikata kisja rqiqa ta' lostru f'tentattiv li tingħata dehra ta' leġittimazzjoni fuq il-proċess mentri fil-fatt kull ma jkun qiegħed isir huwa li ċ-Chairman, jingħad bid-dovut rispett, merament jittimbra u jikkonvalida id-deċiżjoni tal-Aġenzija.

Għalhekk id-deċiżjoni taċ-Chairman għandha tiġi revokata u ddikjarata nulla u bla effett u ir-rikorrent jingħata l-opportunità ta' appell propju, entro terminu li tiddetermina dina l-Onorabbli Qorti.

Ir-rikorrenti jikkontendi li n-nuqqas ta' fakultà ta' appell jew xort'oħra in-nuqqas ta' parteċipazzjoni attiva fir-riferenza jew proċess taċ-Chairman tal-Bord li lilu issir ir-riferenza tal-applikazzjoni huma kolla affetti minn dan id-difett ta' nuqqas ta' sorveljanza ġuridika effettiva u reali, u għalhekk l-Art. 23(3), Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta tikser u tilliedi d-drittijiet tal-attur kif sanċiti taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-**Art. 23(3), Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta** hija tmur kontra id-dettami tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dana billi tilliedi id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq senjatament; u ulterjorment

2. Tiddikjara ulterjorment li r-rimedju mogħti lill-applikant *qua* rikorrent taħt il-preċitat artikolu tal-liġi ma toffrix rimedju effettiv u lanqas ma toffri il-garanziji meħtieġa għal preservazzjoni u assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-liġi kif sanċiti taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

3. Tiddikjara l-**Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta** ma' tagħtix rimedju ta' appell minn deċiżjoni tal-Aġenzija għal dawk l-applikazzjonijiet li hi tiddetermina huma manifestament infondati, effettivament tirrendi l-Aġenzija bħala tribunal mwaqqfa bil-liġi filwaqt li hija ukoll parti mill-Eżekuttiv u li għalhekk tirrendi id-deċiżjonijiet tagħha *unsafe and unsatisfactory*; u konsegwentement

4. Tħassar u tirrevoka id-deċiżjoni taċ-Chairman tas-06.07.2022, fejn kkonferma id-deċiżjoni tal-Aġenzija tat-23.06.2022 u tordna lill-Bord tal-Appelli tar-Rifuġjati tappunta ġurnata, lok u ħin għas-smigħ ta' appell tal-attur entro terminu lilu mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti;

   Dan kollu *ai termini* tal-Kostituzzjoni ta' Malta, senjatament iżda mhux esklussivament, tal-**Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, l-**Art. 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta** u tal-**Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali**.

5. Tagħti kwalsiasi direzzjoni jew ordni oħra li jidrilha li huma xierqa u meħtieġa.

Rat ir-risposta tal-intimati L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali u l-Avukat tal-Istat, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

L-eċċezzjonijiet tal-esponenti hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

Ir-rikorrent qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi *"l-artikolu 23 (3) tal-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta jmur kontra d-dettami tal-Kostituzzjoni u dana billi jilliedi id-dritt tar-rikorrent ghas-smiegh xieraq; tiddikara li r-rimedju moghti lill-applikant taht il-precitat artikolu tal-ligi ma' toffrix rimedju effetiv u lanqas ma toffri il-garanziji mehtiega ghal preservazzjoni u assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-ligi kif sanciti taht il-kostituzzjoni u l-konvenzjoni; tiddikjara l-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta ma' taghtix rimedju ta' appell minn decizjoni tal-agenzija ghal dawk l-applikazzjonijiet li hi tiddetermina huma manifestament infondati, effetivament tirrendi l-Agenzija bhala Tribunal mwaqqaf bil-ligi filwaqt li hija ukoll parti mill-ezekuttiv u ghalhekk tirrendi id-decizjonijiet taghha* unsafe and *unsatisfactory u konsegwentement thassar u tirrevoka id-decizjoni tac-Chairman tas-6 ta' Lulju 2022 fejn kkonferma id-decizjoni tal-Agenzija tat-23 ta' Gunju 2022 u tordna lill-Bord tal-appelli tar-rifugjati tappunta gurnata, lok u hin ghas-smiegh ta' appell tal-attur entro terminu lilu moghti minn dina l-Onorabbli Qorti. Dan kollu ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta senjatament izda mhux esklussivament tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-art. 6 tal- Konvenzjoni, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-bniedem u l-Libertajiet fundamentali."*

L-esponenti jecepixxu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

**<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

Preliminarjament, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilità tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghall-kaz odjern *stante* illi l-garanziji mahsuba fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkoprux proceduri ta' azil, ghaliex proceduri dwar id-dhul, permanenza jew deportazzjoni ta' persuni barranin ma jittrattawx determinazzjoni tad-drittijiet jew obbligi civili taghhom, u lanqas ma jekwivalu ghal proceduri kriminali (vide ***Maaouia vs France*** (QEDB, 05/10/2000). Illi in vista tas-Sentenzi ricenti moghtija mill-Prim'Imhallef Dr Mark Chectucti fl-ismijiet "*Ruhul Amin vs Kummissarju tal-Pulizija et"* deciza mill-

Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Gunju 2022 li ghaddiet in gudikat, permezz ta' liema decizjoni l-Qorti qieset talbiet pressoche identici ghal dawk odjerni illi ma jinkwandrawx fl-iskop tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u fejn l-istess Qorti qieset it-talbiet semplicement "frivoli u vessatorji", u mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Mariama Ngady Parsons vs L-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali et" (318/2020/2TA) fil-25 ta' Jannar 2023 fejn kkonfermat din il-posizzjoni legali, l-esponenti jadixxu lill dina l-Onorabbli Qorti tordna illi tinghata Sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari qabel ma tghaddi biex tqis il-mertu;

L-esponenti jecepixxu illi t-talba mfissra fir-rikors promotur ghal sejbien ta' lezjoni tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ossia n-nuqqas ta' rimedju effettiv hija improponibbli *stante* illi "*Article 13 has no independent existence; it merely complements the other substantive clauses of the Convention and its Protocols (Zavoloka v. Latvia, 2009, § 35 (a)). It can only be applied in combination with, or in the light of, one or more Articles of the Convention or the Protocols thereto of which a violation has been alleged. To rely on Article 13 the applicant must also have an arguable claim under another Convention provision".*[1];

## Eccezzjonijiet fil-Mertu

Fil-mertu, in kwantu r-rikorrent jallega li ma nghatax smiegh xieraq mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati/It-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali u li d-decizjoni tal-istess Tribunal hija wahda mhux korretta, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali ghas-semplici raguni, li skont huwa, awtorità gudizzjarja tkun zbaljata fis-sentenza taghha. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-Qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma

[1] *vide Guide on Article 13 of the European Convention on Human Rights Right to an effective remedy Updated on 30 April 2022*

tistax tistharreg jekk il-Qrati ordinarji (jew Tribunal u Bordijiet) iddecidewx b'mod tajjeb u korrett tilwima. Illi minn qari tar-rikors promotur jinzel bic-car li r-rikorrent qieghed jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidhol fil-mertu fattwali tal-appell deciz mit-Tribunal tal-Appelli ghall-Protezzjoni Internazzjonali. Fir-rikors promotur tieghu r-rikorrent imkien ma jfisser kif gie vjolat id-dritt ta' smigh xieraq izda dak li qieghed jaghmel huwa li jikkontesta l-mod li ddecieda l-appell in konfront tieghu t-Tribunal u dan minhabba l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom ibbaza l-istess Tribunal. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog 'il barra mill-iskrutinju li jahsbu ghalih il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

Mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula fi qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull awtorita' gudikanti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubur 2001). Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skont il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex iservu ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed ilibbes l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Bord. Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax

jigi mistharreg mil-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab.

L-esponenti jecepixxu illi l-artikolu 23 tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta jestablixxi procedura kongruwa mad-dettami tal-gustizzja naturali kif ukoll mal-linji gwida tal-istituzzjonijiet tal-Ewropa u huwa intiz sabiex jigi evitat abbuz f'applikazzjonijiet ta' natura serja bhal m'hija dik ta' status ta' refugjat meta tali applikazzjonijiet ikunu intizi biss sabiex jigi pprolungat dritt jew *stay* gewwa pajjiz meta l-applikant m'ghandu ebda bazi sabiex jakkwista tali dritt.

L-esponenti Agenzija tecepixxi illi l-ezami li jkun sar mill-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali jkun jinvolvi minnu nnifsu ezami tal-applikant u ghalhekk mhuwiex mehtieg li l-applikant jerga jinstema' mit-Tribunal innifsu jew li jressaq provi godda, ladarba t-Tribunal, bhala sede t'appell ikun qed jiddeciedi fuq dawk l-istess provi li jkun ressaq l-applikant. Dwar dan il-punt l-esponenti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea ta' *Alheto*[2]. Il-Qorti kkunsidrat illi:

> *"114. …the requirement for a full and ex nunc examination implies that the court or tribunal seised of the appeal must interview the applicant, **unless it considers that it is in a position to carry out the examination solely on the basis of the information in the case file, including, where applicable, the report or transcript of the personal interview before that authority** (see, to that effect, judgment of 26 July 2017, Sacko, C-348/16, EU:C:2017:591, paragraphs 31 and 44). …*

---

[2] *Court of Justice of the European Union (CJEU), fis-sentenza **Case C-585/16 Alheto** delivered by the Grand Chamber on 25 July 2018*

*115. The words 'where applicable', contained in the limb of the sentence 'including, where applicable, an examination of the international protection needs pursuant to directive [2011/95]', underline … the fact that **the full and ex nunc examination to be carried out by the court need not necessarily involve a substantive examination of the need for international protection** <u>**and may accordingly concern the admissibility of the application for international protection, where national law allows pursuant to Article 33(2) of Directive 2013/32.**</u>" (emphasis added)*

*Il-Qorti kompliet izzid illi:*

*Where the determining national authority (which, in Malta's case, is the Office of the Refugee Commissioner) has declared an application inadmissible due to the application of the "first country of asylum" principle under Article 35 of the Directive, the court or tribunal required to review that decision <u>is not obliged to hear the applicant, as long as s/he has already been heard by that authority:</u>*

*"126. It must be held, in that regard, that, in the event that the ground of inadmissibility examined by the court or tribunal hearing the action was also examined by the determining authority before the document contested in the action was adopted, **that court or tribunal may rely on the report of the personal interview conducted by that authority without hearing the applicant, unless it considers it necessary**.";*

Johrog car illi l-Qorti jew Tribunal li jirrevedu l-applikazzjoni mhumiex marbuta li jaghmlu ezami tal-mertu, jew li jisimghu lill-applikant, izda jistghu jaghmlu dan biss fid-diskrezzjoni taghhom. B'mod partikolari, fejn l-Agenzija tkun ghamlet hija nfisha ezami tal-fatti tal-kaz (bhal ma gara propju f'dan il-kaz), ezami shih u *ex nunc* tal-fatti mhuwiex mehtieg minn Artikolu 46

(3) tad-Direttiva 2013/32, u dan hekk kif insenjat mill-Qorti tal-Gutizzja Ewropea.

L-artikolu 23 *et sequitur* tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta huwa artikolu li ma jmurx kontra d-dettami tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u/jew tat-trattat dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u li l-Qrati ghalhekk gja kellhom l-opportunita' jisthargu dan kollu.

Tenut kont is-suespost ukoll, l-esponenti jecepixxu illi l-artikolu 23 (5) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta gie ssodisfat gialadarba t-Tribunal intimat immotiva r-raguni tieghu billi kkonceda li l-applikazzjoni hija legalment manifestament infondata. Kif inghad, "***the full and ex nunc examination to be carried out by the court need not necessarily involve a substantive examination of the need for international protection <u>and may accordingly concern the admissibility of the application for international protection, where national law allows pursuant to Article 33(2) of Directive 2013/32.";</u>***

Fi kwalunkwe kaz l-esponenti jirrilevaw illi l-ligi nazzjonali tirrifletti trasposizzjoni fidila tal-artikoli 31 (8) u l-artikolu 32 (2) tad-Direttiva dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (Direttiva 2013/32/EU).

Id-decizjoni tal-esponent Tribunal hija wahda korretta u mhux anti kostituzzjonali *stante* illi l-Qrati nostrani kif ukoll ewropej digà kellhom l-opportunità jiddikjaraw illi tali procedura hija konformi mal-principji legali ccitati.

Isegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta’ Frar 2023 il-Qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari.

Semgħet il-provi.

Semgħet it-trattazzjonai finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza limitatament dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawża r-rikorrenti qiegħed ifittex illi jikseb dikjarazzjoni ta’ ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif dan il-jedd huwa mħares ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. L-aġir lamentat huwa marbut mal-proċess ta’ reviżjoni miċ-Chairman tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati li b’deċiżjoni tas-6 ta’ Lulju 2022 ikkonferma s-sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati permezz ta’ liema sentenza t-talba tar-rikorrenti għall-protezzjoni ġiet miċħuda għaliex ritenuta bħala manifestament infondata. Il-pern tal-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens illi l-proċedura kif ikkontemplata ai termini tal-Artikolu 23(3) tal-Kap. 420 hija tali li ma tippermettix lill-applikant illi jipparteċipa fil-proċess tal-appell u għalhekk tippreklудih milli jagħmel rappreżentazzjonijiet in sostenn tat-talba tiegħu għall-protezzjoni u għall-ażil.

L-intimati eċċepew in via preliminari illi d-drittijiet ravviżati taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikawx għall-każ in diżamina għaliex id-dritt għal-smigħ xieraq ma japplikax għall-proċeduri t’ażil liema proċeduri la jiddeterminaw drittijiet ċivili u lanqas proċeduri kriminali. Eċċepew ukoll illi in kwantu l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni li tiegħu ukoll ir-rikorrenti qiegħed jallega li ġarrab vjolazzjoni, ma jistax jiġi ċitat waħdu għaliex din id-disposizzjoni trid tabilħaqq tiġi abbinata ma’ disposizzjoni oħra.

Mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti, ċittadin tal-Bangladexx, telaq minn pajjiżu fit-2 ta' Mejju 2014. Huwa wasal Malta fl-24 ta' Jannar 2020 wara li kien qatta' erba' snin jgħix l-Indja, ħdax-il sena fit-Turkija u sentejn fl-Italja fejn wasal b'mod regolari. Minnufih malli wasal Malta r-rikorrenti nqeda bil-proċedura kontemplata taħt il-Kap. 420 u applika għall-ażil fuq il-bażi illi r-rimpatriazzjoni tiegħu lura l-Bangladexx kienet ser tesponih għal riskju ta' mewt billi allegatament kien hemm familja b'saħħitha li riditu mejjet.

Fit-23 ta' Ġunju 2022 l-applikazzjoni tar-rikorrenti ġiet *rejected as manifestly unfounded* għar-raġuni li l-Aġenzija għal Protezjoni Internazzjonali rritieniet illi r-rikorrenti kien ġej minn pajjiż ritenut bħala sigur u għaliex ir-rikorrenti kien għamel dikjarazzjonijiet inkonsistenti, kontradittorji u foloz.

Ai termini tal-Artikolu 23(3) tal-Kap. 420 id-deċiżjoni tal-Aġenzija ntimata ġiet komunikata liċ-Chairman tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati li b'deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2022 ikkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija tat-23 ta' Ġunju 2022.

Ir-rikorrenti jilmenta illi l-proċedura maħsuba taħt l-Artikolu 23(3) tal-Kap. 420 iċċaħħad lill-applikant minn dritt t'appell u minn rimedju effettiv quddiem il-Qrati ordinarji.

Delineati l-fatti, imiss issa illi l-Qorti tgħaddi sabiex titratta l-mertu tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati.

Fl-ewwel lok qiegħed jiġi eċċepit illi d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata ma tammontax għal determinazzjoni ta' jeddijiet ċivili jew il-kommissjoni ta' reat u għaldaqstant ma jistax jiġi nvokat ksur tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq. Il-finalità tal-eċċezzjoni hija tali li jekk tirnexxi, l-azzjoni tar-rikorrenti trid tabilħaqq tieqaf hawn.

Dan il-punt ġie diversi drabi trattat u deċiż mill-Qrati tagħna. Huwa minnu li l-Qrati mhux dejjem ħadu l-istess pożizzjoni għar-rigward u fil-fatt teżisti ġurisprudenza li ċaħdet din ix-xorta t'eċċezzjoni. Madanakollu, hemm ukoll ġurisprudenza, sia lokali

kif ukoll tal-Qorti Ewropeja, li tikkonsolida l-posizzjoni tal-Qrati dwar is-siwi ta' din l-eċċezzjoni.

Fil-*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trial (civil limb)*, li jinkorpora fih il-każistika tal-Qorti Ewropea dwar l-Artikolu 6, jingħad illi din id-disposizzjoni ma tapplikax:

> *"76. Matters outside the scope of Article 6 include tax proceedings: tax matters still form part of the hard core of public-authority prerogatives, with the public nature of the relationship between the taxpayer and the community remaining predominant (ibid., § 29). Similarly excluded are summary injunction proceedings concerning customs duties or charges (Emesa Sugar N.V. v. the Netherlands (dec.), 2005).*
>
> *77. The same applies, in the immigration field, to the entry, residence and removal of aliens, in relation to proceedings concerning the granting of political asylum or deportation (application for an order quashing a deportation order: see Maaouia v. France [GC], 2000, § 38; extradition: see Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), 2002; Mamatkulov and Askarov v. Turkey [GC], 2005, §§ 81-83; and an action in damages by an asylum-seeker on account of the refusal to grant asylum: see Panjeheighalehei v. Denmark (dec.), 2009), despite the possibly serious implications for private or family life or employment prospects."*

In kwantu l-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, fil-kawża fl-ismijiet Mustefa Mustefa Al Muhamad vs. Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni et deċiża fl-24 ta' Frar 2012, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet illi kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jolqtu proċeduri *«għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili» jew għad-«deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi».*

Il-Qorti tirreferi għall-kawża fl-ismijiet Mariama Ngady Parsons vs L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar 2023. Din id-deċiżjoni kienet xprunata minn appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-1 ta' Marzu 2022 li fost l-oħrajn ċaħdet l-eċċezzjoni u ddikjarat li l-proċess taħt il-Kap 420 jilledi d-dritt għal smigħ xieraq.

Fis-sentenza tagħha l-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza għas-sentenza tagħha stess tad-29 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet Muhammed Mokbel Elbakry v. Onor. Prim Ministru et fejn ingħad hekk:

> "*»10. Reference is also made to the decision of the First Hall of the Civil Court of the 13 July 2007 in the case Hekmat Mohammed Moatti El Fraie v. L-Onor. Prim Ministru et, and to the judgments of the ECtHR therein referred to. Asylum proceedings under our law are and remain essentially administrative proceedings, and the right granted in sub-article (9) of article 7 of Chapter 420 to apply for constitutional redress does not mean that those proceedings, whether before the Commissioner or the Board, are proceedings leading to a determination of a civil right or obligation within the meaning of article 6(1) of the Convention and article 39(3) of the Constitution.*«"

B'referenza għall-proċess kontemplat ai termini tal-Artikolu 23(3) tal-Kap. 420 il-Qorti Kostituzzjonali żiedet tosserva illi:

> *15. ... Il-proċess kollu – kemm quddiem l-Aġenzija u kemm quddiem it-Tribunal – huwa meqjus bħala proċess li ma huwiex dwar determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili jew ta' akkużi kriminali, u għalhekk ma jaqax taħt id-disposizzjonijiet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-art. 6 tal-Konvenzjoni*.

Il-Qorti għaddiet għalhekk sabiex irriformat is-sentenza tal-Ewwel Qorti limitatament dik il-parti li biha l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni u ordnat lit-Tribunal jisma' l-każ mill-ġdid.

Din l-istess linja ta' ħsieb ġiet ukoll applikata fil-kawżi fl-ismijiet: Ramadan Wahba Mabrouk Louay v. L-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru Għall-Ġustizzja u l-Intern deċiża fil-25 ta' Mejju, 2012; Tarek Mohammed Ibrahim v. Viċi Prim Ministru deċiża fit-28 ta' Mejju, 2012; Yazan Harmoush v. Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern et deċiża fit-28 ta' Settembru, 2012; u Dilek Sahan et v. Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et deċiża fit-22 ta' Frar, 2013.

Għalhekk, din il-Qorti wara dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali sejra tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati u tiddikjara illi t-talbiet tar-rikorrenti, safejn dawn jolqtu ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ma jistgħux jiġu mistħarrġa taħt dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi.

Jifdal biex tiġi trattata t-tieni eċċezjoni preliminari tal-intimati liema eċċezzjoni tittratta l-inapplikabilita' tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni stante illi din id-disposizzjoni m'għandiex eżistenza indipendenti.

Fil-*Guide on Article 13 of the European Convention on Human Rights – Right to an effective remedy*, jingħad illi:

> "*11. Article 13 guarantees the availability at national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they might happen to be secured in the domestic legal order (Rotaru v. Romania [GC], 2000, § 67).* ***Article 13 has no independent existence****; it merely complements the other substantive clauses of the Convention and its Protocols (Zavoloka v. Latvia, 2009, § 35 (a)).* ***It can only be applied in combination with, or in the light of, one or more Articles of the Convention or the Protocols thereto of which a violation has been alleged****. To rely on Article 13 the applicant must also have an arguable claim under another Convention provision.*" (enfasi miżjuda)

Fil-każ tal-lum, il-Qorti mhijiex issib vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq u għaldaqstant m'hemmx bażi sabiex ir-rikorrenti jsejjes l-ilment tiegħu ukoll fuq l-Artikolu 13. Il-kwistjoni kienet

tieħu bixra differenti li kieku l-Qorti sabet leżjoni tad-dritt sanċit ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni f'liema każ allura l-Qorti kienet tgħaddi sabiex tissindika d-dritt tar-rikorrenti għal rimedju effettiv.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG